# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **50** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 22 ta' Settembru 2016 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree' Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skuzat | Is-Sur John B Camilleri |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 49.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq  li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Mistoqsijiet.
6. Mozzjonijiet.
7. Informazzjoni mill-Kunsilliera.
8. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 48(1) tal-20 ta' Lulju 2016:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li artiklu nru 8.7 is-sitt paragrafu jrid jinbidel kif gej.

*"Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi dan l-ispazju qatt ma jista jkun biss lukanda bħal ma kienet għaliex hemm bzonn li jidaħħlu l-flus malajr u dan jista jiġri biss jekk isiru l-arranġamenti neċessarji mal-bank".*

1.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li f'paġna 12 għandu jitniżżel dan il-paragrafu għaliex qiegħed nieqes.

*"Numru ta' Kunsilliera issuġerew li l-mozzjoni tiġi posposta għas-seduta ta' wara imma l-Kunsillier is-Sur charlot Cassar iddeċieda li jipproċedi bil-mozzjoni".*

***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ssekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 49(1) tat-29 ta' Awwissu 2016:**

2.1.1 Is-Sindku tkellem fuq paġna 8 artiklu 3.12 rigward il-proġett li ser jsir fil-pjazza ta quddiem il-Knisja u rigward it-tneħħija tad-dgħajjes minn fuq is-simenta fejn qal illi l-Kunsill kien iddeċieda fil-passat illi kull minn kien iniżżel id-dgħajsa bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru kien jieħu il-karru ħdejn il-pixxina. Huwa kompla jispjega illi meta fl-aħħar laqgħa kienu tkellmu fuq il-proġett li kien qed toffri il-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi liema tali proġett jammonta għal €400,000 fuq it-tisbieħ tal-pjazza ta' quddiem il-Knisja, il-Kunsill ma kienx infurmat minn ħafna qabel iżda ftit ġranet biss qabel il-laqgħa tal-Kunsill u għaldaqstant din il-korrispondenza tressqet għad-diskussjoni waqt din is-seduta.

- ***Il-Kunsillier is-sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.22pm***

Is-Sindku kompla jispjega illi fil-laqgħa preċedenti kien sar qbil unanimu illi dan il-proġett jsir u anke kien sar qbil unanimu illi jitwaħħlu *notices* sabiex ma jitħallewx dgħajjes fuq din is-simenta mil-15 ta' Settembru ta' din is-sena. Huwa qal li kienet saret protesta min-naħa tas-sidien tad-dgħajjes u kien hemm ħafna għajdud infondati li kienet ser issir xi gabbana u ħafna affarijiet oħra. Huwa qal illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit tal-Proġett u ic-*Chairman* tal-Fondazzjoni taż-Żoni turistiċi kienu marru fuq il-post u tkellmu fuq dan il-proġett, iżda s'issa ma hemmx pjanti u kif jsiru dawn il-pjanti ser jitressqu għal laqgħa tal-Kunsill u anke huwa tal-opinjoni li ssir laqgħa pubblika sabiex jiġu spjegati dawn il-pjanti. Is-Sindku qal ukoll li dan il-proġett ser jinqasam f'żewġ fażijiet u wieħed mill-għan ewlini ta' dan il-proġett apparti t-tisbieħ ta' din il-pjazza huwa li neliminaw l-għarar tax-xita fl-istess pjazza.

Is-Sindku qal illi huwa anke ltaqa mal-President tal-Għaqda Baħħara u Sajjieda s-Sur Refalo fejn spjegalu illi l-Kunsill ma setax jirrifjuta proġett bħal dan għal numru żgħir ta' persuni li kienu jħallu d-dgħajjes hemm.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi *ż-zebra crossing* li hemm ħdejn it-taraġ taz-zuntier għanda tiġi nkorporata fil-proġett sabiex innaqsu l-periklu li hemm fil-preżent.

Is-Sindku qal illi huwa qalilhom illi faċċata tal-*winch* tad-dgħajjes għandu jibqa għall-użu tad-dgħajjes bil-liċenzja full time *fisherman* tal-MFA.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa jekk tawniex żmien meta ser jibda il-proġett.

Is-Segretarjtu Eżekuttiv qal illi qalulhom li bħal applikazzjoni ser jkun hemm bżonn biss ta DNO u li l-proġett l-ewwel irid jinkiseb il-permess u mbagħad tinħareġ sejħa għall-offerti biex jibdew ix-xogħolijiet u jittama li sal-bidu tas-Sajf ikunu bdew.

Is-Sindku qal illi l-proġett jrid jibda qabel is-sajf peress li ma tajniex permess lis-sidien tad-dgħajjes sabiex jħallu id-dgħajjes fuq is-simenta minn din is-sena.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li l-Onor Herrera kien tkellem fuq il-Magħluq u qal li għandu jsir *management plan*. Huwa qal li l-*management plan* ilu li sar u l-istadju sabiex jibda l-proġett fuq il-Magħluq jinsab ħafna iktar avvanzat minn hekk.

Is-Sindku wieġbu illi ser issir laqgħa mal-Onor Herrera u ser ngħaddu d-data ta' din il-laqgħa lil Kunsilliera kollha sabiex minn jista jattendi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm xi applikazzjoni ukoll fil-preżent dwar il-Magħluq.

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 7 is-sittax il-paragrafu jekk ħadniex azzjoni fuq il-plakka tad-dawl li hemm mikxufa ġol bandli.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill kien iddeċieda li kellhu jiċċekja fuqha l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri. Huwa kompla jgħid li ser jieħu l-inkarigu sabiex jsolvi l-problema.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 3 il-5 paragrafu jekk bgħatniex l-ittri lil entitajiet ikkonċernati fuq is-siti vojta li qed jintremew skart fijhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna diġa għaddejna din l-informazjoni lil PA u ser niċċekjaw illi l-ittri ntbgħatu lil entitajiet kollha.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar staqsa fuq paġna 4 atiklu nru.2.1.8 meta jer jibda ix-xogħol biex jsir culvert fuq il-bankina fi Pjazza Mifsud Bonnici għaliex hemm bżonn li jinbeda b'mod urġenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-*works order* ħarġet u ser jkellem ukoll lil kuntrattur.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 3 ir-raba paragrafu rigward l-iskart li qed jitpoġġa ħdejn il-*bring in site* fi Triq ix-Xatt jekk konniex bgħatna ittra lis-sidien tal-ħwienet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra konna bgħatnija u innota illi l-għada stess reġgħu tefu l-kaxxi.

Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing Dep fejn qed jagħamlu proġett fejn nidentifikawlhom 4 siti fejn nafu li qed jsir l-abbuż u ssir *surprise inspection*.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

2.1.6 Il-Kunsillier is-sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 12 artiklu nru 8.7 jekk kellniex xi komunikazzjoni fuq l-appell li ġie ssottomess fuq it-twaqqiegħ tal-eks Jerma Palace Hotel.

Huwa kompla jispjega illi PA qalu li ser tittieħed azzjoni mmedjata b'mod urgenti.

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li ma konniex infurmati bl-appell.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li għandna niktbu lil PA biex jgħidulna meta ser jinstema l-appell.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 9 artiklu nru 3.15 rigward it toqob tal-festa, fejn qal illi hu kien ħaseb li dawn huwa tal-armar izħda kien żbaljat għaliex dawn huma għal tan-nar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien kellem lis-Sur Mallia sabiex jagħtina *site plan* u niltaqgħu mal-Kappillan. Huwa kompla jispjega illi bħala total final mhux ser jkun hemm iktar minn 35 toqba..

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qabel ma jsiru l-ħofor għal arbli tan-nar irridu nieħdu parir mingħand il-Perit minħabba l-istruttura tal-moll peress li jridu jħaffru l-isfel għat-toqob.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qall li anke aħjar jittieħdu xi testijet qabel.

Is-Sindku qal li l-aħjar nibdew sabiex nixtru l-*manhole covers* għat-toqob li diga hemm.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Ħatra ta' Kunsillier waqt bord tal-PA għal proġetti kbar:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spejga li kienet saret laqgħa ġewwa l-Kunsill tal-Furjana min-naħa tal-PA u d-dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienu mistiedna rappreżentanti mil-Kunsilli Lokali fejn kienu nfurmawna illi hemm bżonn li jinħatar Kunsillier sabiex jservi bħala rappreżentant tal-lokal meta jkun hemm proġetti kbar qabel mal-applikazzjoni tgħaddi għad-deċiżjoni finali.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jinħatar Kunsillier meta jkun hemm bżonn.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-7.00pm***

3.2 **<u>Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv wara kjarifika bejn l-Ansek u DLG:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi d-Deputat Segretarju ser jkun jaqdi d-dmirijiet tiegħu biss f'kaz illi tkun trid tissejjaħ laqgħa b'urġenza u s-Segretarju Eżekuttiv jkun indispost. Huwa kompla jispjega illi fil-preżent hemm affarijiet li jridu jiġu ċċarati bejn l-Ansek u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku staqsa kif ser jitħallas.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ser jitħallas bl-istess skala tas-Segretarju Eżekuttiv iżda għal kull siegħa. Filwaqt li tenna li dawn se jkunu ċirkostanzi rari imma li jiġru bħalma ġraw f'Kunsilli Lokali oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-aħjar nistennew iktar għaliex għad ma hemmx linja gwida ċara.

Kien hemm qbil unanimu li għalissa dan is-suġġett jibqa pendenti.

- ***Instalbet sospenzjoni tar-regolamenti biex ikun jista jitkellem is-Sur Ryan Portelli.***

- Is-Sur Ryan Portelli bħala l-Viċi *Chairperson* taż-żgħażagħ tad-Douzelage spjega li qed jaħdem sabiex japplika f'isem il-Kunsill għal proġett ieħor tal-Erasmus Plus fejn il-Kunsill ser jkun bħala *lead partner* ta dan il-proġett. Huwa kompla jispjega illi dan il-proġett ser ikun ibbażat fuq arti u kultura u għalkemm għadna fuq fażi ta' applikazzjoni jekk nirbħu dan il-proġett il-ħsieb huwa illi jiġu fi żmien il-festa tal-lokal u anke nlaqqawhom mal-banda u ma' tal-armar u n-nar. Apparti minn hekk huwa spjega li fis-sajf jkun hemm ħafna attivitijiet għaddejjien ġewwa l-Belt rigward il-kultura u arti. Huwa kompla jispjega illi r-rapreżentati fi ħdan id-Douzelage ser jdumu ħamest ijiem u aħna ser nitolbu għal €35 għal kull persuna għal kull ġurnata.

  Is-Sur Portelli spjega li dan il-proġett ser nitolbu wkoll għal fondi tal- *co financining* jiġifieri l-maġġor parti tal-ispejjeż ser jinkisbu mil-fondi tal-Unjoni Ewropeja u l-Kunsill joħroġ persentaġġ żgħir tal-ispejjeż.

3.3 **<u>Douzyouth Mid year discussion November 16 (35/3510/16/I):</u>**

Is-Sindku spejga illi ser issir laqgħa tad-Douzlage ġewwa l-Ingilterra u peress li s-Sur Ryan Portelli huwa l-Viċi *Chairperson* taż-żgħażagħ ta' din l-għaqda u qed jitlob sabiex il-Kunsill jħallas l-*flights*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk huwiex intitolat għal-*pier diem*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li f'każijiet oħra fil-passat konna ħallasna biss il-*flight tickets*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li fl-opinjoni tiegħu hija kontradittorja fejn wieħed jkun intitolat għal *flight tickets* iżda mhux għal pier diem.

Il-Kunsill qabel unanimament li nħalsu għal *flight tickets*.

3.4 **<u>Kont milenemalta rigward Ġnien Żonqor ta' €10,178.12 u r-risposta li ngħata mill-Kunsill(35/3352/16/O):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi dan l-aħħar il-Kunsill irċieva kont tad-dawl min-naħa tal-Arms fuq id-dawl tal-bandli taż-Żonqor bejn is-sena 2000 u 2016. Huwa kompla jispjega illi aħna ktibnilhom fejn infurmajnihom illi mis-sena 2000 il-Kunsill qatt ma kien irċieva kont u anke għidnilhom illi l-Kunsill qatt ma kellu d-devoluzzjoni ta' dan il-ġnien u anke tlabnijhom l-*workings* ta kif inħadmu l-*unit rates* tul dawn is-snien. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi infurmawna lura b'ittra flimkien ma kopja tal-applikazzjoni tal-*meter* li kienet saret mill-Kunsill ta' dak iż-żmien.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li huwa tal-opinjoni illi nieħdu parir legali peress illi aħna qatt ma rċevja kont tul dawn l-aħħar sittax il-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nieħdu parir legali.

3.5 **Europe for Citizens project (35/3339/16/I):**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi s-Sur Cezary applika għal proġett tad-Douzelage li jismu *Europe Dream local debates on future of Europe* fejn qed jistenna risposta jekk dan il-proġett jintrebaħx jew le u ser jinvolvi li l-membri kollha ta' dan il-proġett jiġu għal seminar hawn Malta ukoll fl-2017.

3.6 **Risposta mil-PA rigward PC0041/16 proġett fi Triq is-Salini ma Triq il-Grigal:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsilliera illi huwa kien mar ma l-applikant fuq il-post u urih illi ser joħroġ il-barra l-*alignment* sabiex jiġi f'linja waħda mal-villel l-oħra, filwaqt li kien assigurah li ma kienx ser joħroġ 24 ċentimentru għat-tul tal-propjeta` kollha u allura ma kienx każ li seta joħloq preċident.

3.7 **Aġġornament tal-iskema tas-CIES tas-Sinjorina Elaine Pickard:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera illi l-Kunsill ta' Marsaskala kien wieħed mill-ewwel Kunsilli illi ngaġġa miegħu persuna bi bżonijiet speċjali bl-iskela tas-CIES. Huwa kompla jispega illi kien iltaqa ma missier is-Sinjora Pickard fejn dan wera x-xewqa tiegħu li bintu tibqa taħden mal-Kunsill tagħna. Huwa spjega illi s-Sinjorina Pickard taħdem biss 7 siegħat fil-ġimgħa li jammonta għal madwar €120 fix-xahar. Huwa qal illi jekk il-Kunsill jiddeċiedi illi jġedded il-kuntratt għal sena oħra u għaldaqstant jgħaddu l-erbgħa snin, s-Sinjorina Pickard tiġi mpjegata indefinta mal-Kunsill anke jekk l-iskema tas-CIES tispiċċa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jġedded il-kuntratt tas-Sinjorina Pickard bil-kundizjoni li s-siegħat ma jiżdiedux.

3.8 **Ftuħ ta' kont fiss mal-BOV bl-ammont ta' €150,000:**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera li wara li tkellem mal-*accountant* tal-Kunsill, jkun aħjar jekk jinfetaħ kont fiss bankarju fil-BOV bl-ammont ta' €150,00 sabiex nkunu nistgħu nieħdu l-interessi fuqu.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.9 **Mapping Plan for New EV charging Infrastructure (35/3484/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsillier illi TMalta qed jitolbu sabiex nidentifikawlhom xi postijiet sabiex jsiru *charging points* tal-elettriku għall-vetturi.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir waħda quddiem il-Kunsill, waħda fil-Bajja San Tumas u waħda Żonqor.

3.10 **Korrispondenza mil-MEPA li aċċettaw l-applikazzjoni PA03310/16 minkejja li l-Kunsill lokali oġġezjona (35/3548/16/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil-Kunsilliera illi għalkemm il-Kunsill kien isottometta l-oġġezjoni tiegħu għal ħruġ ta' iktar imwejjed u siġġijiet fuq *platform* mpoġġija fiż-żewġ parkeġġi maġenb il-ħanut Corner View (Ekx Pizza by Luca) li hemm fi Triq ix-Xatt xorta il-permess inħariġlu minkejja li dan huwa post pubbliku. Huwa kompla li hu kkomunika mal-Perit Scotto tal-*Government property division* fejn infurmah illi l-approvazzjoni ta' dan il-permess tinqasam f'żewġ fażijiet fejn fl-ewwel fażi l-Perit tal-applikant jitlob l-approvazzjoni lil dan id-dipartiment u tingħata risposta fi żmien 24 siegħa mil-GPD. Jekk l-approvazzjoni ta' dan l-imwejjed u siġġijiet tkun fl-affermattiv, wara din l-applikazzjoni terġgħa titla għall-aprovazzjoni tal-bord ta' dan id-dipartiment, fejn jista jkun l-każ li l-GPD ma jaqbilx li jinħariġlu permess.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nissottomettu appell bil-Perit tal-Kunsill.

3.10.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li niktbu lil Kummissarju tal-Pulzija għal ħtieġa li jkun hemm Puluzija jdur fi Triq ix-Xatt sabiex jaraw illi l-liġi qed tiġi osservata u ma jkunx hemm iktar abbużi fuq l-imwejjed u siġġijiet.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.11 **Informazzjoni PA04988/08 (żieda fil-produzzjoni tal-fishfarms fil-Munxar):**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi min-naħa tal-Gvern Ġentrali l-permessi ġew revokati.

Il-Kunsill qabel unanimament illi xorta nibgħatu l-oġġezjoni tagħna lil PA.

3.12 **Marsaskala Clean up (35/3594/16/I):**

Is-Sindku qal illi ser issir *clean up day* min-naħa tal-*Inspire* nhar is-Sibt 22 ta' Ottubru u qed jitolbu sabiex aħna niprovdulhom 2 *skips u garbage bags* u xi affarijiet żgżar oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.13 **Informazzjoni dwar PA3143/16:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-informazzjoni tal-Kunsill illi f'din l-applikazzjoni sabiex issir alterazzjoni fil-faċċata fi Triq ir-Riġnu kantuniera ma Triq Għaxqet l-Għajn qed jidher illi ser jittieħed parti mit-taraġ li jinsab biswit il-ġibjun.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil *Housing Authority* sabiex niċċekjaw dwar dan u li nitfgħu l-kummenti tagħna fl-applikazzjoni.

3.14 **Progression of Staff:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lil Kunsilliera bit-tibdil ta kif jiprogressaw l-impjegati tal-Kunsill. Huwa qal li mentri qabel kull impjegata setgħet tipprogressa minn skala 15 sa skala 11 b'deċiżjoni waqt laqgħa tal-Kunsill, issa skond imejl mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex impjegata tiprogressa minn skala 13 għal skala 11 jrid jintalab il-permess lid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali u wara li jingħata l-permess toħroġ sejħa interna. Huwa kompla jispjega illi s-Sinjura Sharon Schembru f' Diċembru waslet fl-għola grad ta' skala 13 u għaldaqstant il-Kunsill irid jara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niċċekjaw mal-*collective agreement* u jerġgħa jiġi preżentat fil-laqgħa li jmiss.

3.15 **Proposed roundabout near lights Triq il-Qaliet ma Triq tal-Gardiel (35/3543/16/I):**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi biex jsir *survey* fuq ir-*roundabout* proposta fi Triq il-Qaliet ma Triq il-Grigal ser jiswa €1100.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jsir dan is-*survey*.

3.16 **Agreement tal-Green MT:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fl-*agreement* tal-*Green MT* hemm iniżżel li din il-kumpanija trid tgħaddi l-ammont ta' €2000 fis-sena lil waħda mill-għaqdiet tal-lokal.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-flus mhux joħodom il-Kunsill iżda insibu għaqda li tadmet favur l-ambjent u nipproponu li jagħżlu lilha.

Il-Kunsill qabel unanimament li niċċekjaw mal-Green MT.

3.17 **<u>Attivita mill-istabbiliment Uncle Matt's:</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsill li is-sur Matthew Pace propjetarju ta' dan l-istabbiliment jixtieq illi fi żmien il-Milied jarma palk fil-bandli u jżejjen il-bandli. Huwa kompla jgħid li is-Sur Pace wera x-xewqa li jsiru attivitajiet bħal *carol singing* eċċ.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku żied jgħid illi hemm bżonn li nitkellmu mal-Wasteserv ukoll għad-dekorazzjoni tal-Milied.

4.0 ***<u>Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet</u>* :**

**Il-Kunsillier is-sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u il-Viċi Sindku is-Sinjorina Desiree' Attard issekondat.**

5.0 **<u>Mistoqsijiet :</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

6.0 **<u>Mozzjonijiet :</u>**

**Ma kienx hemm l-ebda mozzjoni.**

7.0 **<u>Informazzjoni mill-Kunsilliera :</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonnici hemm bżonn li tinħasel bil-*powerwash*.

Il-Kunsill qabel unanimament li naħslu l-bandli u Triq tal-Gardiel bil-*powerwash* u għandna nqabdu l-kuntrattur tal-Kunsill.

8.0 **<u>Aġġornament :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8 :30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 20 ta' Ottubru fis-6 :00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ________________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |